**L-Erbgħa 16 ta' Ġunju 2010**

## P7_TC1-COD(2010)0801

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-16 ta' Ġunju 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2010/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel ma' l-att leġislattiv finali, Direttiva 2010/64/UE)*

---

## L-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq ***I

P7_TA(2010)0221

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2002/15/KE dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (COM(2008)0650 – C6-0354/2008 – 2008/0195(COD))**

(2011/C 236 E/46)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2008)0650),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), u l-Artikoli 71 u 137(2) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ressqet il-proposta lill-Parlament (C6-0354/2008),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa" (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikoli 91 u 153(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' Marzu 2009 ([1]),

— wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0137/2010),

1. Jiċħad il-proposta tal-Kumissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex tirtira l-proposta tagħha u tieħu l-passi meħtieġa mal-Parlament sabiex tressaq proposta ġdida;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 228, 22.9.2009, p. 78.